



Stqarrija għall-Istampa tal-FRA
Vjenna, 30 ta' Mejju 2016

Ir-Rapport tal-FRA dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2016 isib li t-taqbib li ġgħib magħha l-migrazzjoni jittestja deċiżjonijiet favur id-drittijiet fundamentali tal-UE

Fl-2015 aktar minn miljun persuna fittxew kenn fl-UE, żieda ta' ħames darbiet iktar mis-sena ta' qabel. Fir-Rapport tagħha dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2016, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) teżamina l-iskala u n-natura tal-isfida u tipproponi miżuri biex jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati fl-UE kollha.

"Is-sena l-oħra, id-deċiżjoni favur id-drittijiet fundamentali tal-UE kienet ittestjata bil-kbir, b'attakki fuq ħafna mil-libertajiet, id-drittijiet u l-valuri li fuqhom hija bbażata l-Ewropa," jgħid id-Direttur tal-FRA [Michael O'Flaherty](#). "L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom iżommu sodi sabiex jiddefendu d-drittijiet li għalihom kulħadd huwa intitolat, kemm jekk ilhom jgħixu fl-UE għal ħafna ġenerazzjonijiet kif ukoll jekk għadhom kif waslu fuq ix-xtut tal-Ewropa."

Dan ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali annwali jenfasizza l-isfidi u l-kisbiet fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE kollha. Ħafna mill-kwistjonijiet koperti mir-rapport ta' din is-sena se jiġu diskussi f'aktar dettall waqt il-[Forum dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2016](#), li se jiġi organizzat fl-20-23 ta' Ġunju fi Vjenna.

- B'60 miljun persuna spostata bil-forza fid-dinja kollha, is-**sitwazzjoni tal-migrazzjoni** hija mistennija li tibqa' fil-quċċata tal-aġenda tal-UE. Il-maġġoranza tar-refuġjati li ġejjin fl-Ewropa, li ħafna minnhom huma tfal, qed jirriskjaw ħajjithom billi jħallsu lill-kuntrabandisti biex jaqsmu l-baħar fuq dgħajjes iffullati wisq u li ma jifilhxu għall-baħar.
- Ġiet innutata żieda f'daqqa ta' **inċidenti razzisti u ksenofobiċi** f'ħafna Stati Membri, kawża ta' biża' minħabba s-sitwazzjoni tal-migrazzjoni u għadd ta' attakki terroristiċi. Ir-rapport tal-FRA isib li l-komunitajiet Musulmani u Lhud kienu partikolarment affettwati.
- L-attakki terroristiċi għal darb'oħra enfasizzaw id-diffikultà biex jinstab il-bilanċ tajjeb bejn il-protezzjoni tad-**data personali u l-privatezza** u ż-żamma tas-sigurtà interna. Numru ta' Stati Membri tal-UE huma fil-proċess li jirrifurmaw il-qafas tal-intelligence legali tagħhom, li jista' potenzjalment iżid is-setgħat intrużivi tas-servizzi.

Tista' taċċessa r-rapport hawn: [Fundamental Rights Report 2016 \(Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2016\)](#)

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil: media@fra.europa.eu
Tel.: +43 1 580 30 642

Noti lill-edituri:

- Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2016 jiġbor fil-qosor u janalizza żviluppi ewlenin fir-rigward tad-drittijiet fundamentali fl-UE matul l-2015, bi proposti għal azzjoni fl-oqsma tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata; l-integrazzjoni ta' Roma; is-

soċjetà tal-informazzjoni, il-protezzjoni tal-privatezza u tad-data; id-drittijiet tat-tfal; u l-aċċess għall-ġustizzja inklużi d-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità.

- Il-FRA tipprovdi pariri bbażati fuq evidenza lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fuq il-livell tal-UE u dak nazzjonali, b'hekk tikkontribwixxi biex id-dibattiti u l-linji ta' politika dwar id-drittijiet fundamentali jkunu infurmati u mmirati.